# Linji Gwida u Regolamenti 2026

MAĦRUĠA: FRAR 2026

## SKEDI TA’ ŻMIEN

| DATA TAL-GĦELUQ GĦAS-SOTTOMISSJONIJIET | TĦABBIRA | SKEDA TA’ ŻMIEN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 ta’ Marzu 2026 | 14 ta’ Mejju 2026 | Żvilupp ta’ ARTIVISTI | Data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta’ proposti ta’ proġetti għal ARTIVISTI | Tħabbira tal-proġetti ta’ ARTIVISTI | Implimentazzjoni u mentoraġġ tal-proġetti ta’ ARTIVISTI |
| | | Ġunju sa Ottubru 2026 | 1 ta’ Novembru 2026 | Novembru 2026 | Diċembru 2026 sa Diċembru 2027 |

## ALLOKAZZJONIJIET TAL-PROĠETTI

| BAĠIT GĦAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 20,000 | EUR 4,000 |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻ |
|---|---|
| Il-fond jista’ jkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim ta’ għotja wara s-sottomissjoni ta’ proposta li tirnexxi<br><br>30% wara l-approvazzjoni tad-dossier finali |

# 1 Introduzzjoni

ARTIVISTI huwa kollaborazzjoni transsettorjali bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u Aġenzija Żgħażagħ. Dan jifforma parti minn portafoll ta' inizjattivi maħsuba biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tat-tkabbir kreattiv ta' Malta permezz ta' investiment fl-eċċellenza fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta, billi jiġu inkoraġġuti aktar opportunitajiet ta' karriera fis-setturi, bl-iffaċilitar tal-iskambju kulturali, kif ukoll bil-promozzjoni tal-inklussività u l-parteċipazzjoni kulturali attiva.

ARTIVISTI huwa marbut mal-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ u tal-istrateġija attwali tal-Kunsill Malti għall-Arti, b'enfasi partikolari fuq li jiġu pprovduti aktar opportunitajiet biex iż-żgħażagħ ikunu iżjed attivi fis-soċjetà billi jinvolvu ruħhom fil-kreattività u jiżviluppawha.

Il-programm ġie żviluppat biex iħeġġeġ lill-artisti żgħażagħ irawmu fokus fuq li jġibu bidla u jħallu impatt fuq is-soċjetà permezz tal-arti u l-kreattività. Il-programm ġie ddisinjat biex jipprovdi l-inċentiv neċessarju lill-ARTIVISTI żgħażagħ u jappoġġja l-parteċipazzjoni tagħhom f'impenji kreattivi, billi jipprovdi opportunitajiet għal tkabbir kreattiv.

ARTIVISTI għandu l-għan li:

- Jidentifika u jirrikonoxxi t-talent żagħżugħ eċċezzjonali
- Irawwem ir-responsabbiltà soċjali permezz tal-arti u l-kreattività
- Iservi bħala pjattaforma għall-ħsieb kritiku, l-innovazzjoni, u r-riċerka bbażata fuq il-prattika Jinvesti fit-trasformazzjoni permezz tal-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet, il-valuri u l-iskambju kreattiv.

Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti

F'konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal dan li ġej f'konformità mal-Istrateġija 2025.

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-

viżjoni aħħarijai fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2 Definizzjonijiet

### Applikant

- Applikant irid ikun individwu. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew ta' Aġenzija Żgħażagħ.

### Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti mandatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola ta' applikazzjoni li ssir minn applikant eliġibbli.

### Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Artivisti. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel tul il-programm iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għaldaqstant m'huwiex irreġistrat għal-VAT il-benefiċjarju għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li ser jingħata irċevuta fiskali għas-servizz jew xogħol li qed jingħata.

### Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet l-ewwel jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-maniġers responsabbli għall-iskema. Il-proposti li jitqiesu li mhumiex eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

### Endorser

- Endorser huwa persuna jew organizzazzjoni li tappoġġja l-applikazzjoni tiegħek.

### Bord tal-Għażla

- Il-Kunsill Malti għall-Arti u Aġenzija Żgħażagħ jaħtru ' esperti settorjali biex jagħżlu il-benefiċjarji tal-inizjattiva, abbażi ta' kriterji għall-għażla stabbiliti. Il-bord maħtur jista' jkun jikkonsisti minn professjonisti lokali jew barranin.

### Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-programm jridu jkunu ċittadini Maltin; jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta; jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

### Immaniġġjar u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti u Aġenzija Żgħażagħ huma responsabbli għall-immaniġġjar ta' din l-inizjattiva. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta' €4,000 għal kull proġett bħala ammont li jista' jiġi allokat. Dan se jiġi deċiż każ b'każ skont il-proposta tal-proġett ippreżentata fit-tieni fażi tal-programm.

Żborż ta' Fondi

- L-għotja tingħata hekk kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti. Il-ħlas isir permezz ta' ċekk maħruġ f'isem l-applikant. Kull applicant li jressaq applikazzjoni jeħtieġ ikollu kont bankarju validu.

# 3 Benefiċċji tal-Inizjattiva

Se jintgħażlu massimu ta' ħames benefiċjarji. Kull benefiċjarju magħżul se jgawdi minn:

- Il-parteċipazzjoni fi programm ta' mentoraġġ multidixxiplinarju ta' 18-il xahar (f'Taqsima 5 ta' dan id-dokument tista' ssib deskrizzjoni qasira);
- L-opportunità li jibbenefika minn mentoraġġ u għotja ta' sa €4,000 għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' ARTIVISTI mill-kreattiv żagħżugħ (f'Taqsimiet 6.1 u 6.2 ta' dan id-dokument tista' ssib deskrizzjoni qasira);
- L-opportunità li jaċċessa, u jitgħallem minn, ġabra ta' talent kreattiv ta' sosteniment u network rikk ta' pari;
- Rwol ta' ambaxxatur viżibbli għall-arti;
- Sħubija fil-komunità tal-alumni u inkoraġġiment, opportunitajiet u appoġġ għall-bqija ta' ħajtu (f'Taqsima 8 ta' dan id-dokument tista' ssib deskrizzjoni qasira).

## 3.1 Il-Komponenti tal-Programm Multidixxiplinarju

Il-parteċipanti huma obbligati jattendu l-attivitajiet kollha bħala parti mill-impenn tagħhom għall-Programm ARTIVISTI.

### 3.1.1 Programm ta' Residenza ta' tlett ijiem

Ir-residenza multidixxiplinarja ta' tlett ijem se tiffoka fuq l-intersezzjoni tal-prattika tal-arti professjonali u r-responsabbiltà soċjali. Hija mfassla biex timmassimizza l-iżvilupp kreattiv tal-parteċipanti. Ir-residenza se tikkonsisti f'*workshops* u attivitajiet immirati biex jipprovdu spazju għal riflessjoni dwar l-iżvilupp ta' prattiċi artivisti. . Il-parteċipanti se jingħataw l-opportunità biex jieħdu sehem f'diskussjonijiet eċċitanti ma' xulxin u ma' professjonisti tal-arti.

Ir-residenza se ssir bejn is-7 u d-9 ta' Lulju 2026 f'Villa Psaigon f'Ħad-Dingli.

### 3.1.2 Sessjonijiet ta' Żvilupp tal-Ħiliet

Il-programm se joffri serje ta' tmien opportunitajiet ta' tagħlim, *networking* u żvilupp li jagħtu lill-parteċipanti ċ-ċans li jibnu ħiliet, jaqsmu ideat, u jingħaqdu ma' oħrajn fis-settur kreattiv. Dawn l-

opportunitajiet mhux se jkunu limitati għal attivitajiet fi ħdan il-programm innifsu, iżda se jinkludu wkoll taħriġ usa' u esperjenzi ta' tagħlim. Dan jiżgura li l-parteċipanti jistgħu jibbenefikaw minn firxa usa' ta' opportunitajiet ta' żvilupp personali u professjonali.

L-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Malti għall-Arti se jiżguraw li l-parteċipanti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn firxa usa' ta' opportunitajiet personali u professjonali matul il-programm.

## 3.2 Proġett ta' ARTIVISTI

L-ARTIVIST li jintgħażel fil-programm se jingħata l-opportunità li japplika biex jiġi implimentat proġett matul l-aħħar fażi tal-programm.

Perjodu eliġibbli: Mid-data tan-notifika tal-għotja tal-proġett ta' ARTIVISTI sal-aħħar ta' Diċembru 2027.

### 3.2.1 Allokazzjoni tal-baġit

Il-proġetti ppreżentati matul din il-fażi tal-programm jistgħu jiġu allokati baġit massimu ta' €4,000 għal kull parteċipant. L-ARTIVISTI jistgħu jagħżlu li jikkollaboraw u jissottomettu applikazzjonijiet konġunti, u b'hekk iżidu l-baġit eliġibbli għal kull proġett.

Il-benefiċjarji se jkunu qed jibbenefikaw ukoll minn mentoraġġ skont il-paragrafu 3.2.2. Il-proġetti sottomessi se jiġu evalwati mill-Bord tal-Għażla.

70% tal-finanzjament se jingħata lill-kreattiv magħżul mal-approvazzjoni tal-proposta ppreżentata mal-mentor kreattiv; it-30% li jifdal jingħataw mat-tlestija tal-proġett u l-parteċipazzjoni fil-programm ta' residenza.

### 3.2.2 Qafas ta' Mentoraġġ

Il-Programm ta' Mentoraġġ huwa laboratorju għall-iżvilupp tal-kreattiv bħala ARTIVIST u l-kapaċità tal-kreattiv li jimplimenta l-proġett. Il-mentoraġġi huma mfassla biex ikunu esperjenza mmexxija mill-benefiċjarji stess bi ppjanar mal-mentors rispettivi. Il-mentors se jipprovdu lill-kreattiv taħt ir-responsabbiltà tagħhom aċċess usa' għall-isfond kulturali lokali billi jaqsmu ideat, pariri, riżorsi, u esperjenzi.

L-għażla tal-mentor fl-aħħar mill-aħħar hija f'idejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Aġenzija Żgħażagħ.

Minbarra l-mentoraġġ, il-parteċipanti huma offruti servizzi ta' xogħol kontinwu maż-żgħażagħ u pariri dwar l-iżvilupp professjonali.

### 3.2.3 Il-Komunità tal-Alumni

Il-programm iservi biex jappoġġja l-ħidma tagħna li nrawmu l-artisti u l-prattikanti kreattivi żgħażagħ f'kull stadju tal-iżvilupp professjonali tagħhom filwaqt li naqsmu x-xogħlijiet tagħhom mal-pubbliku.

Il-kreattivi magħżula jsiru parti minn network ta' alumni li joffri appoġġ u li qed jespandi matul is-snin. Il-programm iwassal ix-xogħol tal-parteċipanti u l-alumni lill-udjenzi fil-Gżejjer Maltin kif ukoll barra minn Malta.

# 4 Eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet l-ewwel jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà. Il-proposti li mhumiex eliġibbli skont il-punti t'hawn taħt m'għandhomx jiġu pproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

Skeda ta' żmien eliġibbli massima biex jiġi implimentat il-proġett: 18-il xahar.

## 4.1 Min jista' japplika?

L-inizjattiva hija maħsuba għaż-żgħażagħ li l-età tagħhom fis-sena 2026 se tkun bejn it-18 u l-25 sena u li huma interessati fl-arti u l-attiviżmu. Il-programm se jesponi lill-kreattivi żgħażagħ għall-artiviżmu u l-abbozzar, il-proposta u l-ġestjoni ta' proġetti kreattivi li għandhom l-għeruq tagħhom f'kunċett attivist.

L-applikazzjonijiet għal din l-inizjattiva huma miftuħa esklussivament għal kreattivi individwali.

L-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin; jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta; ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

## 4.2 Min ma jistax japplika?

- L-applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat peress li jkun inkomplut minħabba li jkun nieqes id-dokument mandatorju li ġej:
    - Kopja tal-karta tal-identità Maltija tagħhom (kemm in-naħa ta' quddiem kif ukoll dik ta' wara); jew tal-permess ta' residenza Maltija jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti;
- L-applikanti li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' 'applikant' għal din l-inizjattiva;
- Benefiċjarji li fil-passat ma żammewx ma' impenji ta' finanzjament;
- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport; finali wieħed b'rabta ma' għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti;
- Individwi taħt it-18-il sena jew li se jkollhom aktar minn 25 sena sal-aħħar tas-sena 2026.

## 4.3 B'referenza għall-għotja tal-proġett, liema spejjeż jistgħu jiġu koperti[1]?

Din l-għotja tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż li ġejjin. Dawn għandhom jiffurmaw parti mill-komponenti finali tal-proġett (sa massimu ta' €4,000 għal kull proġett, skont liema jkun l-aktar baxx).

- Ħlasijiet artistiċi - dawn jistgħu jkunu l-ħlasijiet artistiċi ta' kollaboraturi u kontributuri, fost l-oħrajn;
- Ħlasijiet tekniċi;
- Kontinġenza, li ma taqbiżx l-10% tal-ispiża totali;
- Inizjattivi diġitali li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, abbonament għal software, fornituri ta' servizzi u l-ħolqien ta' riżorsi onlajn;
- Miżati relatati mat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali;
- Miżuri tas-saħħa u s-sigurtà;
- Kiri/xiri ta' tagħmir. (Ix-xiri tat-tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies li kien neċessarju għall-proġett);
- Spejjeż indiretti, li ma jaqbżux il-5% tal-ispiża totali. (Eżempji – Servizzi: elettriku, ilma, assigurazzjoni, tindif; konnessjonijiet tat-telefown/fax/Internet; spejjeż tal-posta; karti, linka/cartridges, kartolerija, eċċ.);
- Assigurazzjoni;
- Marketing, PR u komunikazzjonijiet (filwaqt li ma jaqbżux l-10% tat-total tal-proġett - dawn jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għat-teħid ta' ritratti u vidjows li jistgħu jintużaw għall-portafoll tal-artisti żgħażagħ);
- Spejjeż oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi, iżda mhux limitati għal, spejjeż legali, fornituri ta' servizzi, ħlasijiet għall-parteċipazzjoni, spejjeż lingwistiċi, eċċ.);
- Immaniġġjar tal-Proġett (inkluż iżda mhux limitat għall-amministrazzjoni, il-koordinazzjoni u/jew l-iżvilupp).

## 4.4 B'referenza għall-għotja tal-proġett, liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Spejjeż li diġà huma koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew programm ta' finanzjament pubbliku ieħor immaniġġjat jew ikkomaniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru;
- Spejjeż li ma jiġġarrbux matul l-iskeda ta' żmien tal-programm ta' żvilupp stipulat fil-ftehim;
- Finanzjament għall-ħolqien jew iż-żamma ta' għotjiet, premji jew boroż ta' studju;
- Rimborż ta' salarji, jew parti minnhom;
- Sussistenza, catering u ospitalità.

[1] L-ispejjeż kollha jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi ma jkunux diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ/imsieħba.

## 4.5 Liema proġetti mhumiex eliġibbli għall-appoġġ?

- Applikazzjonijiet għall-ħolqien jew iż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn applikanti li mhumiex kontribwenti f'Malta
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, mal-arti u mal-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li l-objettiv tagħhom huwa li jiġbru l-fondi jew propaganda politika;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-ġurnata rispettiva tad-data ta' skadenza;
- Avvenimenti li jsiru fuq bażi regolari, inklużi proġetti annwali, festivals annwali, spettakli ta' skejjel/annwali, programmi ta' taħriġ regolari;
- Applikazzjonijiet inkompluti kif spjegat taħt "Taqsima 6.1 – Lista ta' Kontroll" ta' dawn il-linji gwida;
- Moduli individwali kkreditati bħala parti minn kors ta' edukazzjoni, jew riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti;
- Inizjattivi eliġibbli taħt kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat iddedikat għall-arti/kultura Maltija;
- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew tlestew qabel ma jiġi nnotifikat ir-riżultat lill-applikant;
- Proġetti li d-durata tagħhom ma taqax eżatt fl-iskeda ta' żmien eliġibbli;
- Programmi ta' taħriġ meħtieġa biex jiġu mġedda liċenzji professjonali jew akkreditazzjonijiet.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' *ARTIVISTI* mhijiex eliġibbli għall-appoġġ.

# 5 Għażla

Il-Bord tal-Għażla se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 5.1 Kriterju 1: Motivazzjoni u Livell ta' Impenn (40 marka)

Dan il-kriterju għandu jiġi indirizzat f'mhux aktar minn 200 kelma.

Dan il-kriterju jqis il-livell ta' impenn muri mill-applikant. L-applikanti mhux bilfors irid ikollhom esperjenza fl-attiviżmu iżda għandhom juru interess fi kwistjonijiet relatati bħall-inklussività, id-diversità, u l-ambjent , fost l-oħrajn.

Irridu nsiru nafu lilek, l-ideat tiegħek, u dak li jimmotivak bħala persuna kreattiva.

Jekk jogħġbok ikteb paragrafu li jirrifletti:

- X'jimmotivak biex tapplika għal dan il-programm? (20 marka)
- X'jeċitak dwaru u għalfejn tixtieq tieħu sehem? (10 marki)
- Hemm xi kwistjonijiet soċjali jew ambjentali li huma importanti għalik, bħall-inklussività, id-diversità, l-ugwaljanza, is-saħħa mentali, it-tibdil fil-klima, jew oħrajn? (10 marki)

## 5.2 Kriterju 2: Viżjoni u Dikjarazzjoni tal-Missjoni (20 marka)

Dan il-kriterju għandu jiġi indirizzat f'mhux aktar minn 200 kelma.

Dan il-kriterju jqis l-ambizzjonijiet, il-viżjoni u l-perspettiva tal-artist, u kif dawn jirrelataw mal-ethos tal-programm Artivisti.

Irridu nifhmu l-ambizzjonijiet, il-viżjoni, u l-perspettiva kreattiva tiegħek, kif ukoll l-idea inizjali tiegħek għall-proġett tal-Artivisti tiegħek. Jekk jogħġbok ikteb paragrafu li jirrifletti:

- L-ambizzjonijiet tiegħek, il-viżjoni tiegħek, u l-perspettiva kreattiva tiegħek (15-il marka)
- Kif il-viżjoni tiegħek tingħaqad mal-programm tal-Artivisti (5 marki)

## 5.3 Kriterju 3: Il-Kwalità tal-Portafoll u r-Rilevanza tal-programm (20 marka)

Dan il-kriterju għandu jiġi indirizzat f'mhux aktar minn 200 kelma.

Dan il-kriterju jqis ir-rilevanza tal-programm għall-applikant u l-iżvilupp professjonali tiegħu. Iqis ukoll il-kwalità tal-portafoll tal-applikant.

Irridu nifhmu l-impenn tiegħek u kif ix-xogħol tiegħek jingħaqad ma' dan il-programm.

Jekk jogħġbok ikteb paragrafu li:

- Jipprovdi bijonota qasira dwarek. X'inhuma l-interessi tiegħek, ix-xogħol preċedenti tiegħek, u l-aspirazzjonijiet futuri tiegħek?

Ehmeż portafoll tax-xogħol tiegħek biex turi l-kwalità u l-iskop tal-prattika kreattiva tiegħek. (20 marka)

## 5.4 Kriterju 4: Vidjow Pitch (20 marka)

L-għan tal-pitching bil-vidjow huwa li tinħoloq opportunità biex tiġi espressa l-motivazzjoni li qed tiġi ppreżentata lill-evalwaturi.

- Il-vidjow pitch huwa l-wiċċ tal-applikazzjoni, fejn mhux biss jagħti informazzjoni vitali, iżda juri wkoll il-personalità
- Il-vidjow pitch jista' jinħoloq bl-użu ta' kwalunkwe mezz, inkluż mowbajl, u jittella' (protett bil-password) fuq YouTube jew Vimeo. Tista' tiġi ppreżentata f'varjetà ta' formati kreattivi iżda m'għandhiex tkun itwal minn tliet (3) minuti. Il-pitch għandha tagħti idea tal-profiċjenza kreattiva tal-applikant u l-motivazzjoni tiegħu lejn l-artiviżmu
- Link għall-pitch imtellgħa, kif ukoll il-password relevanti (jekk il-pitch imtellgħa tkun protetta bil-password), għandhom jiġu inklużi fl-applikazzjoni.

# 6 It-tressiq tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u r-regolamenti bir-reqqa
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata minn din l-inizjattiva
3. Ikklikkja l-link li tieħdok għas-sistema ta' applikazzjoni onlajn
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-inizjattiva li trid tapplika għaliha
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn
7. Ressaq l-applikazzjoni. Suppost tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċievi l-ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti huma mitluba joħolqu profil fis-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà, jew jekk tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq +356 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00, jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli ta' applikazzjoni tiegħek mhux se jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni. Hija l-għażla tal-Kunsill Malti għall-Arti waħdu jekk jitlobx lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni mandatorja nieqsa wara d-data ta' skadenza tas-sejħa.

Mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk jintgħażlu għall-programm, isimhom, u sussegwentement l-isem u d-dettalji tal-proġett tagħhom, jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni sottomessa u tad-dokumenti ta' sostenn.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data ta' skadenza rispettiva ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 6.1 Lista ta' Kontroll

- Kopja tal-karta tal-identità Maltija tiegħek (quddiem u wara) jew tal-permess ta' residenza f'Malta jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti. Dan għandu jigi inkluż fil-profil tal-applikant.
- Kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tal-VAT Malti, jekk applikabbli
- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri li l-applikant huwa kontribwent f'Malta

- Bijografija/CV artistika tal-applikant
- CV tal-Endorsers
- Formola ta' applikazzjoni mimlija u datata
- Portafoll/links tal-prattika
- Vidjow ta' pitch kreattiva mill-applikant, li tinkludi:
    - Titwila lejn il-proficjenza kreattiva tal-applikant
    - L-għanijiet u l-aspirazzjonijiet tal-applikant għat-tliet snin li ġejjin
    - Il-motivazzjoni wara l-applikazzjoni għall-programm
    - Għaliex l-applikant għandu jintgħażel għall-programm
- Kwalunkwe materjal ta' appoġġ ieħor, jekk disponibbli

# 7 Il-proċess tal-għażla

Din l-inizjattiva hija kompetittiva u l-parteċipanti se jintgħażlu skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju huwa allokat numru ta' marki speċifiċi. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-appoġġ, l-applikanti jridu jiksbu medja ta' mill-inqas 60 marka. Se jintgħażlu bħala parteċipanti massimu ta' ħames applikanti. Id-deċiżjoni hija bbażata fuq il-kwalità tal-proposti sottomessi u fuq id-disponibbiltà tal-ispazji. Għalhekk, billi tikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx li awtomatikament se tintgħażel. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li jagħżel inqas benefiċjarji jekk l-applikanti ma jilħqux il-livell meħtieġ f'termini tal-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jiġu vvalutati minn tim tal-għażla maħtur mill-Kunsill abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni ta' kull wieħed mill-proġetti proposti, fejn jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 7.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2, inti se tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola ta' feedback, li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, skont il-kriterji tal-inizjattiva.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek, għandek tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Mhi se tinħareġ l-ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika applikazzjoni awtomatikament.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv u l-Maniġer responsabbli għall-iskema u l-Evalwaturi se titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jirnexxu se jiġu inklużi fil-Ftehim ta' Għotja.

# 8 Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment mhux se jaffettwa ċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jagħmlu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tas-sottomissjoni u tal-evalwazzjoni f'termini tal-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġetti tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu kemm jista' jkun ċari. L-ilment għandu jiddikjara l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jipprovdi spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta minn dokumentazzjoni jew testimonjanzi relevanti dwar għaliex min qed jilmenta jikkunsidra li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni fi tmiem il-proċess tal-ilment hija finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, Il-Kunsill Malti għall-Arti fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

F'każ li ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma Bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tagħmel użu mill-proċedura tal-ilmenti tagħna, inti taċċetta li nistgħu nużaw informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali.

# Għandek bżonn parir?

Il-Kunsill Malti għall-Arti u Aġenzija Żgħażagħ joffru servizzi ta' konsultazzjoni qabel is-sottomissjoni biex jgħinuk tikseb appoġġ għall-applikazzjoni tiegħek.

Aħna qegħdin miegħek f'kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk ARTIVISTI huwiex il-programm it-tajjeb għalik u nipprovdu feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proposta tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data ta' skadenza tas-sottomissjoni biex tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi tagħna.

Ħossok liberu li ċċempel lill-Kunsill Malti għall-Arti fuq +356 2334 7230, u lil Aġenzija Żgħażagħ fuq +356 2258 6700, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn id-09:00 u l-16:00, jew li tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornati fis-26 ta' Jannar 2026**